**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-30 ta' Mejju, 2019**

**Talba Numru: 521/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista:- 21**

**Gasan Mamo Insurance Limited (C3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Claudio Laferla (K.I. 237670M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Claudio Laferla**

**Vs**

**Water Services Corporation**

**Triq Hal Qormi,**

**Hal Luqa**

**u**

**Awtorita ghat-Trasport f'Malta**

**Sa Maison Road,**

**Floriana**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba tas-socjeta' attrici noe li permezz taghha talbet li l-konvenuti jew min minnhom jigu ordnati jhallsuha s-somma ta' seba' mija u ghaxar ewro u tlett centezmi (€710.03c) liema somma tinkludi mija u tmienja u sittin euro (€168) mhallsa bhala excess mill-assikurat tas-socjeta' attrici Claudio Laferla rapprezentanti danni sofferti minn l-istess attur in segwitu ta' incident awtomobilistiku li sehh fis-07 ta' April, 2012 gewwa Triq id-Dejma, l-Fgura u f'liema incident kienet involuta l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCQ 167 misjuqa minn u proprjeta' tal-assikurat tas-socjeta'

rikorrenti Claudio Laferla wara li l-vettura in kwistjoni saqet go hofra fonda u skabruza li thalliet fuq wicc it-triq in kwistjoni minghajr dawl jew senjalagg adekwat u dana stante li l-istess incident sehh unikament tort tal-intimati jew minn minnhom u minhabba traskuragni imperizja u negligenza da parti taghhom jew minn minnhom.

Ra r-risposta tal-Awtorita' intimata li permezz taghha rrespingiet il-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet migjuba kontriha bhala infondi fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident in kwistjoni sehh ghal ragunijiet li ma jistghux ikunu attribwiti lill-istess Awtorita' intimata; li minghajr pregudizzju ghas-suespost jinkombi fuq r-rikorrenti li jaghmlu prova tad-danni allegati u konsegwentement d-danni reklamati qed jigu kontestati; li fi kwalunkwe kaz l-istess Awtorita' m'ghandhiex tkun ikkundannata thallas ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Li b'digriet tas-27 ta' Jannar, 2019 dan it-Tribunal ddikjara lill-Korporazzjoni intimata kontumaci.

A fol 12 xehed Claudio Laferla u spjega li kien ghaddej fit-triq u induna bil-gandott li jaqsam it-triq taz-zewg karregjati tard biex setgha jislowja bizzejjed biex ma ssirlux hsara. Huwa waqt li kien ghaddej nnota vann tal-Water Works ghaddej u kien hemm ix-xoghol ghaddej. Huwa pprezenta ritratti tal-hsarat subiti fil-vettura tieghu. Kif gara l-incident mar il-Kunsill tal-Fgura u nfurmawh li t-triq ma taqax taht ir-responsabilita' tal-Kunsill. Ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija u informa lill-assikurazzjoni tieghu li hallset ghad-danni kemm ta' tyre wiehed u taz-zewg rimijiet. Huwa hallas excess ta' mija u hamsa u sebghin ewro (€175) biex fetah il-claim.

A fol 26 xehed Malcolm Aquilina, Claims Adjustor mas-socjeta' attrici li fis-07 ta' April, 2012 waqt li l-vettura LCQ 167 kienet qed tinstaq fi Triq id-Dejma, Fgura minn Claudio Laferla, l-assikurat taghha, l-vettura waqghet go hofra fonda u skabruza li thalliet fuq wicc it-triq in kwistjoni. Kumar Bonello, Surveyor intalab ihejji survey report u hekk ghamel u l-avukat taghhom kiteb lil-konvenuti biex ihallsu d-danni izda ma rcevew xejn u bdew proceduri ta' Arbitragg izda qajmu l-eccezzjoni ta' kompetenza u giet milqugha. Huwa prezenta rendikont tad-danni li jikkonsistu f'sitt mija u tlettax-il ewro u tnejn u tletin centezmu (€613.32c) repairs, tnejn u sittin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu

(€62.23c) ittra gudizzjarja tas-06 ta' Dicembru, 2012, sitt ewro u disgha u disghin centezmu (€6.99c) kopja tar-rapport tal-Pulizija, u mija u tmienja u sittin ewro (€168) excess.

Ra r-rapport prezentat minn PC 1389 Jonathan Victor McPherson (fol 52).

Ra x-xhieda ta' Kumar Bonello a fol 59 (stante li x-xhieda tieghu moghtija qabel ma ghalqet il-provi s-socjeta' attrici ma gietx traskritta), u li permezz taghha kkonferma li s-survey a fol 33 u spjega li l-vettura kellha hsara f'zewg roti fuq in-naha tal-lemin wiehed ta' quddiem u l-iehor ta' wara, kellha t-tyre ta' quddiem tan-naha tar-right. L-ispejjez kienu jinvolvu wheel alignment fuq rota minnhom u vulcanizer works fuq ir-rota l-ohra. X'ikkawza tali hsara Bonello wiegeb li jassumi li xi haga fit-triq xi haga li kienet jew fin-nofs jew *whatever,* kienet pero' li ghandha x'taqsam ovvjament mal-art.

A fol 51 u 64 s-socjeta' attrici ghalqet il-provi taghha.

A fol 65 xehed Nicholas Baldacchino in rapprezentanza tal-Awtorita' tat-Transport Malta li Triq id-Dejma, Fgura taqa' taht ir-responsabilita' tal-istess Awtorita'. Huma jammettu li huma responsabbli ghal manutenzjoni ta' din it-triq u jammetti li kien qed isir xoghol f'din it-triq minn entita' ohra li ghamel hofra biex jghaddi xi pajpijiet minn naha ghal ohra ta' triq u ma kienx ghadu ghamel reinstatement cioe' ma ghamilx it-tarmak u allura halla hofra. Huwa xehed li dan ma sarx mill-Awtorita u jekk mhux sejjer zball sar mil-Water Services Corporation ghax kien xoghol tal-ilma, kien xi mains tal-ilma hafru u hallewh lejl minghajr ma tawh it-tarmac.

Meta rega xehed a fol 69 Baldacchino pprezenta l-permessi li kellha l-Water Services Corporation ghal xogholijiet fi Triq id-Dejma, Fgura u spjega li dawn il-permessi ma kellhom x'jaqsmu xejn mat-trinka li fiha l-assikurat xehed li kienet il-kawza tal-hsara subita minnu. Huwa spjega li x-xogholijiet kienu ghal water connection ta' xi proprjeta' li hemm fuq dik it-triq u permessi sabu tnejn wahda ghal xogholijiet li kellhom isiru bejn is-26 ta' Marzu u d-09 ta' April 2012 ta' water connections u iehor bejn id-09 ta' April u 30 ta' April lil Water Services Corporation. Huwa jammetta li l-permessi ta' kull tip ta' xoghol fit-toroq taqa' taht l-Awtorita' Transport f'Malta. Huwa jghid li f'dan il-kaz ix-

xogholijiet kienu qed isiru mill-Water Services Corporation u ma ghalqitx it-trinka kif suppost. Wara l-incident difatti l-Korporazzjoni ghalqet it-trinka meta huma kellhom id-dmir li wara x-xogholijiet t-trinka jaghlquha ghax inkella dik tkun perikoluza u kif gara – gara dan l-incident partikolari.

L-Awtorita' konvenuta ghalqet il-provi taghha fis-seduta tal-10 ta' Mejju, 2019.

Il-partijiet trattaw il-kawza.

**Konsiderazzjonijiet**

Din hija kawza dwar danni li l-assikurat tas-socjeta' attrici sofra fil-vettura tieghu LCQ 167 fi Triq id-Dejma, Fgura fis-07 ta' April, 2012 meta gandott thalla miftuh u s-sewwieq Claudio Laferla ma setax jevitah bil-konsegwenza li ghamel hsara fil-vettura tieghu.

Li mill-provi jirrizulta li din it-triq hija responsabilita' tal-Awtorita' intimata izda li dakinhar l-istess Awtorita' kienet tat permess lil Korporazzjoni intimata biex taghmel xogholijiet fl-istess triq u dan kif jirrizulta minn fol 85 tal-process. Minn l-istess fol 86 jirrizulta wkoll li l-istess Korporazzjoni kellha r-responsabilita' f'para 4 '*reinstatement of the road surface is immediately carried out on completion of the excavation and backfilling operations*. ….' Izda mill-provi jirrizulta li l-istess Korporazzjoni ma ghamlet xejn minn dan u b'rizultat ta' hekk gara l-incident.

Il-Korporazzjoni konvenuta hija kontumaci.

Illi sabiex dan it-Tribunal jiddikjara r-responsabilità tal-konvenuti jew min minnhom għad-danni, jeħtieġ illi jiġi ppruvat in-ness ta' kawżalità bejn fatti kolpevoli u konsegwenzi dannużi. (Vide **Korporazzjoni Enemalta vs Charles Bonnici PA 24.01.2014**).

Skond l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jipprovdi li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li ssir bi htija tieghu.

Bhala regola kuntrattur fit-twettiq tax-xogholijiet appaltati, jopera b'awtonomija, bl-organizazzjoni proprja tieghu u bl-uzu ta' dawk il-mezzi mehtiega biex iwettaq ix-xoghol. F'dan il-kuntest il-Qorti tislet bran minn sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni numru 12971 tas-27 ta' Mejju, 2010:-

"*Una corresponsabilita' del committente puo', infatti, verificarsi solo in due casi: o quando l'opera sia stata affidata ad impresa manifestamente inidonea (cosiddetta culpa in eligendo),ovvero quando la condotta causativa del danno sia stata imposta all'appaltatore dal committente stesso, attraverso rigide ed inderogabili direttive (ex plurimis: Cass. n. 10588/2008; n. 7755/2007; n. 15782/2006). In particolare un dovere di controllo di origine non contrattuale gravante sul committente al fine di evitare che dall'opera derivino lesioni del principio del neminem laedere, di cui alla norma generale contenuta nell'art. 2043 c.c., puo' essere configurato solo con riferimento alla finalita' di evitare specifiche violazioni di regole di cautela (Cass. n. 13131/2006; n. 11478/2004) e non anche al fine di realizzare una generale supervisione da parte del committente sulla conformita' del comportamento dell'appaltatore al principio base della responsabilita' civile; e cio' in quanto la funzione di controllo e' assimilabile a un potere che puo' essere riconosciuto nei rapporti interni fra committente e appaltatore, in correlazione alla riduzione o eliminazione della sfera di autonomia decisionale del secondo e solo eccezionalmente puo' assumere rilevanza nei confronti dei terzi*".

Mill-provi jirrizulta li l-Korporazzjoni jew il-kuntrattur inkarigat minnha li kien ghamel trinka fit-triq u halliha miftuha. Bhala entita' tal-Gvern, il-Korporazzjoni kellha dmir tizgura li t-trinka tinghalaq fl-iqsar zmien possibbli u mhux tithalla miftuha ghal dawk il-granet kollha bil-perikli kollha li dan il-fatt igib mieghu.

Inoltre, skont l-Artikolu 1037 tal-Kodici Civili:-

"Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il- persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi".

Inoltre, l-Att dwar l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi kif gej dwar is-setghat u l-funzjonijiet taghha fir-rigward tat-toroq:

Artikolu 7: "Mingħajr preġudizzju għas-setgħat u funzjonijiet mogħtija lill-Awtorità permezz tal-Artikolu 6, l-Awtorità għandu jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet li ġejjin speċifikament b'konnessjoni mat-toroq u ferroviji u t-trasport stradali u bil-ferrovija: ......

(b) li tokkupa, tippjana, tiddisinja, tibni, tibni mill-ġdid, tamministra, tagħmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra toroq u li tipprovdi jew tiżgura jew tmexxi 'l quddiem provdiment għal dan kollu u wkoll li tipprovdi jew tiżgura provdiment ta' servizzi għal dawk l-għanijiet u timmaniġġa u tikkontrolla kull xogħol meħtieġ, inkluż l-ippjanar u l-ipprogrammar relattiv u l-ippjanar u l-ipprogrammar għall-bini u l-formazzjoni mill-ġdid ta' toroq eżistenti:

Iżda meta l-manutenzjoni ta' xi triq tkun taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Kunsill Lokali skont l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq ma għandhiex tkun, fil-qies ta' dik ir-responsabbiltà, il-funzjoni tal-Awtorità sakemm ma jkunx intlaħaq ftehim dwar dak bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorità:"

Dan juri bic-car li l-Awtorita' tibqa dejjem responsabbli ghal manutenzjoni u s-sigurta' fit-toroq arterjali taghha minkejja li meta tat il-permess lil Korporazzjoni konvenuta biex taghmel ix-xogholijiet fi Triq id-Dejma, Fgura ordnat lill-istess Korporazzjoni biex terga taghmel it-triq kif kienet.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal isib liz-zewg konvenuti responsabbli solidalment ghall-incident meritu tal-kawza u jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta sabiex solidalment mal-Korporazzjoni tal-Ilma jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u ghaxar ewro u tlett centezmi (€710.03c), bl-imghax legali mis-06 ta' Dicembru, 2012 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-06 ta' Dicembru, 2012 a karigu esklussiv tal-Water Services Corporation.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**